MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 432/2011

**Josette Attard**

**vs**

**Rettur Universita ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-2 ta' Mejju 2011 li jghid hekk:

1. Illi hija qeghda fuq l-academic staff tal-Universita, pero assenjata ghal-Junior College fejn taghti s-servizz taghha u hija ilha taghti dan is-servizz mis-sena 1995. In oltre hija ghandha d-dottorat (Ph. D.) fil-letteratura Maltija;

2. Illi skond ftehim imsejjah 'Agreement to facilitate the implementation of the collective agreement for academic staff of the University of Malta and academic staff of the Junior College' li intlahaq bejn l-Universita u l-Malta Union

of Teachers u l-house union tal-Universita maghrufa bhala UMASA, kien hemm stipulat illi l-membri tal-academic staff fil-Junior College illi fid-data tal-ftehim kien jissodisfaw tlett kundizzjonijiet u cioe illi kienu appuntati bejn l-1995 u l-1998 illi kellhom Ph. D. degree u illi urew konsistenza fir-research skond kif japprova bord illi jitwaqqaf flimkien mal-unions u inoltre illi kien hemm specifikatament illi waqt illi tali academic staff tal-Junior College kienu qeghdin jigu kkunsidrati bhala academics tal-Universita u kienu se jibqghu jghallmu fil-Junior College pero kemm-il darba kienet tinholoq vakanza xierqa fl-Universita, l-istess membri tal-academic staff tal-Junior College li jkollhom il-kwalifiki diga msemmija, kellhom ir-right of first refusal illi jiehdu l-post fl-Universita;

3. Illi skond ittra tat-13 ta' Lulju, 2009, id-direttur tal-Human Resources Management and Development tal-Universita ta' Malta informa lill-esponenti illi kienu rcevew l-accettazzjoni taghha tal-one time opportunity to be assigned to a faculty at the University of Malta;

4. Illi sussegwentament inholqu zewg vakanzi u kien hemm erba' min-nies jghallmu fil-Junior College illi tnejn minnhom gew imtella' ghall-Universita u ghalhekk fl-istess pozizzjoni tal-esponenti kienet baqghet hi u persuna ohra;

5. Illi sussegwentament, minkejja kull ftehim u kull procedura, persuna terza li ma kienitx tghallem fil-Junior College giet moghtija post fl-Universita, liema post legittimament kien jispetta lil Josette Attard u dana stante li l-persuna l-ohra ghazlet li tmur f'institute flok fil-fakolta tal-arti;

6. Illi bl-agir taghha l-Universita ippregudikat kemm il-ftehim miktub u kemm il-pozizzjoni tal-esponenti;

7. Minkejja li l-esponenti qed tircievi s-salarju daqs kieku qed tghallem l-Universita, peress li ghaliha l-flus m'humiex kollox, hija dejjem sostniet illi kellha tinghata rikonoxximent illi tghallem l-Universita fis-suggett illi hija specjalizzat u qatt ma stenniet illi biss bil-flus jinxtara

kompletament is-silenzju u l-accettazzjoni taghha. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Kawzali
8. Peress li l-Universita intrabet fi ftehim kollettiv imsejjah 'Agreement to facilitate the implementation of the collective agreement for academic staff the University of Malta and academic staff of the Junior College' li intlahaq bejn l-Universita u l-Malta Union of Teachers u l-house union tal-Universita maghrufa bhala UMASA, kien hemm stipulat illi l-membri tal-academic staff fil-Junior College illi fid-data tal-ftehim kien jissodisfaw tlett kundizzjonijiet u cioe illi kienu appuntati bejn l-1995 u l-1998 illi kellhom Ph.D. degree u illi urew konsistenza fir-research skond kif japprova bord illi jitwaqqaf flimkien mal-unions u inoltre illi kien hemm specifikatament illi waqt illi tali academic staff tal-Junior College kienu qeghdin jigu kkunsidrati bhala academics tal-
Universita u kienu se jibqghu jghallmu fil-Junior College pero kemm-il darba kienet tinholoq vakanza xierqa fl-Universita, l-istess membri tal-academic staff tal-Junior College li jkollhom il-kwalifiki diga msemmija, kellhom ir-right of first refusal illi jiehdu l-post fl-Universita;

9. Illi skond ittra tat-13 ta' Lulju, 2009, id-direttur tal-Human Resources Management and Development tal-Universita ta' Malta informa lill-esponenti illi kienu rcevew l-accettazzjoni taghha tal-one time opportunity to be assigned to a faculty at the University of Malta;

10. Illi sussegwentament, minkejja kull ftehim u kull procedura, persuna terza li ma kienitx tghallem fil-Junior College giet moghtija post fl-Universita, liema post legittimament kien jispetta lil Josette Attard u dana stante li l-persuna l-ohra ghazlet li tmur f'institute flok fil-fakolta tal-arti;

11. Peress li l-attrici ghandha dritt fic-cirkostanzi li tigi assenjata biex tghallem fl- Universita;

Talbiet

Ighid il-konvenut nomine ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-konvenut nomine kiser il-kundizzjonijiet tal-ftehim kollettiv fil-konfront taghha;

2. Tordna lill-istess konvenut nomine li fi zmien qasir u perentorju jassenja lill-attrici l-post li jisthoqilha bhala ghalliema fl-Universita;

Rat ir-risposta guramentata li tghid hekk:

1. Fl-ewwel lok u preliminarjament din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex il-gurizdizzjoni biex tiehu konjizzjoni ta' kaz li jirrigwardja kundizzjonijiet ta' mpjieg li huma stabbliti permezz ta ftehim kollettiv u ghalhekk il-forum appositu hu esklussivament it-Tribunal Industrijali u dan ai termini tal-artikolu 75 tal-Ligi dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452. Ghaldaqstant, in vista tan-nuqqas ta' kompetenza, b'kull rispett, l-esponenti jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti m' ghandiex tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;

2. Fit-tieni lok, izda wkoll in linea preliminari, u minghajr pregudizzju ghall- eccezzjoni/risposta perentorja surriferita, l-esponenti jirrispondi billi jissottometti/ jeccepixxi n-nullita tal-azzjoni civili odjerna. It-tieni talba tar-rikorrenti hija insostenibbli stante illi din l-Onorabbli Qorti, b'kull rispett, ma tistax tassumi diskrezzjoni illi l-ligi tafda f'organu kompetenti stabbilit de lege, f'dan il-kaz, il-Kunsill tal-Universita ta' Malta ghat-tenur tal-artikolu 77(b) u 77(e) tal-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta. Li kieku kien hekk, l-unika Alma Mater taghna titmexxa u tigi gestita b'mod gudizzjarju mill-Qrati tal-Gustizzja taghna. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li qed jintalab, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tassenja lir-rikorrenti il-post li, fil-fehma tar-rikorrenti, ir-rikorrenti jisthoqqilha. Semmai ir-rikorrenti imissha ezercitat id-drittijiet taghha billi tittanta timpunja att amministrattiv mahrug minn awtorita pubblika abbazi tal-Ligi Amministrattiva, senjatament l-artikilu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din l-Onorabbli

Qorti [jekk hekk tiddeciedi] tiddikjara li l-ghoti tal-post li nghata lil terza persuna, u li fil-fehma taghha, kien jispetta lir-rikorrenti [kif issottomettiet fil-kawzali], huwa null u invalidu ab initio. Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti illi l-azzjoni civili odjerna, kif dedotta, hija nulla, ai finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

3. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suesposti eccezzjonijiet/risposti procedurali, fit-tielet lok, ma sehh l-ebda ksur tal-ebda klawsola tal-ftehim intitolat ‘Agreement to facilitate the implementation of the Collective Agreement for academic staff of the University of Malta and academic staff of the Junior College', (Dok. UoM1) liema ftehim huwa allegat mal-ftehim kollettiv iffirmat bejn l-Universita ta' Malta u l-Junior College mal-University of Malta Academic Staff Association u I-Malta Union of Teachers fl-2009;

4. Ghalkemm ir-rikorrenti issodisfat it-tlett kriterji stabbiliti f'artikolu 2 tal-istess ftehim, u l-istess rikorrenti inghatat il-'one time opportunity to be assigned to a Faculty at the University retaining the current grade', meta nholqot vakanza ghal zewg postijiet akkademici fil-Ietteratura Maltija gewwa I-Fakulta, hija ma ntaghzlitx ghal dak il-post, stante illi kien hemm erba' kandidati li kienu eligibbli sabiex japplikaw u wara l-intervista intghazlu l-persuni li l-ahjar issodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-Bord tal-Ghazla. Fl-ebda lok dawn il-postijiet fil-Ietteratura ma kienu jispettaw lir-rikorrenti jew lil xi persuna ohra partikolari;

5. Fir-raba' lok, l-Universita ta' Malta tichad kull allegazzjoni illi giet impjegata persuna rninn barra l-Universita u l-Junior College, stante illi l-persuna in kwistjoni kienet nieqsa mill-pajjiz fuq xoghol ta' importanza nazzjonali u rritorna Iura ghall-post li kien tieghu qabel telaq minn Malta, haga li kellu kull dritt jaghmel;

6. Fil-hames lok, ir-rikorrenti diga taghti xi sighat ta' taghlim fl-estetika letterarja lill- korsijiet tal-B.A. fid-Dipartiment tal-Malti gewwa l-Universita ta' Malta;

7. Fl-ahhamett, kif issottometta l-esponenti fis-16 ta' Novembru 2010 (Dok. UoM3) in risposta ghall-ittra ufficcjali (Dok. UoM2) ta' nhar id-29 ta' Settembru 2010, kwalsiasi mpjieg u/jew kariga fl-Universita ta' Malta tinhareg u/jew tigi stabbilita jekk l-esigenzi tal-Universita ta' Malta hekk jirrikjedu;

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kollha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Salv risposta/i ulterjuri permessi mil-Ligi;

Rat l-atti kollha ppresentati, in-noti u d-digriet tal-Qorti li halliet il-kawza ghad-decizjoni fuq l-ewwel u t-tieni eccezzjoni preliminari ghal 24 ta’ Jannar 2012.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn l-attrici issostni li nonostante ftehim kolletiv bejn l-Universita ta’ Malta u l-Malta Union of Teachers u l-house union tal-Universita rigward vakanzi akkademici fl-Universita ta’ Malta hi giet maqbuza meta ntghazlet persuna biex tghallem l-Universita meta din ma kienitx tghallem fil-Junior College kif kienet l-attrici u kif kien intiz il-collective agreement fuq vakanzi akkademici. L-attrici qed tallega ksur tal-ftehim kollettiv u korrezzjoni tan-nuqqas.

**Nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qorti**

L-Universita qed tissottometti illi kaz dwar kondizzjoni ta’ impjieg stabbilit permezz ta’ ftehim kollettiv ghandu jingieb quddiem it-Tribunal Industrijali ai termini tal-Kap. 452 artikolu 75. Wara li l-Qorti talbet lid-difensur tal-Universita jispecika taht liema subartikolu tal-artikolu 75 kien qed jaghmel l-eccezzjoni tieghu, b’nota gie relevat illi l-Universita kienet qed tirreferi ghal-artikolu 75(1)(b) abbinat mal-artikolu 5 tal-Ewwel Titolu u l-artikolu 75(2) u (3).

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Karmenu Vella vs General Workers Union**, deciza 11/11/2011, intqal hekk:

L-Artikolu 75(1) tal-imsemmi Kap. 452 jiddisponi testwalment kif gej:

“75. (1) Minkejja kull ma jinsab f’kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi –

(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u

(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta’ dan l-Att jew ta’ regolamenti preskritti tahtu,

“ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta’ haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega l-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta’ dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort’ohra.”

Minn qari ta’ dan l-artikolu hu car li, kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-ghaqda konvenuta, il-ligi ma taghtix gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex din tiddeciedi fuq kull materja inkorporata fit-Titolu I tal-Att. Illigi taghti din il-gurisdizzjoni esklussiva fil-kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I. Fi kliem iehor, fejn it-Titolu I jikonferixxi gurisdizzjoni lit-Tribunal, dik il-gurisdizzjoni hi esklussiva. Kieku l-hsieb kien mod iehor, il-ligi kienet sempliciment tghid li kull kwistjoni dwar xi haga imsemmija fit-Titoli I tal-Att, tista’ tigi mistharrga biss mit-Tribunal Industrijali. Il-ligi, pero`, ma tghidx dan. Tghid, minflok, li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hi radikata biss fil-kazijiet fejn hu allegat li saret tkeccija ingusta (Artikolu 75(1)(a)) u fil-kazijiet fejn it-Titolu I jaghti gurisdizzjoni lit-Tribunal. Kieku kellu jkun mod iehor, anke dan is-subartikolu (1)(a) kien ikun superfluwu. Din id-dicitura hi

ripetuta fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 75 li jiddisponi li

"(2) Meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b'mod ingust minn principal, jew fejn jigi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li jorigina minn xi haga li taqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taht it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt tahtu, il-kaz ghandu jjintbaghat lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-haddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna ohra f'isem u ghal dak il-haddiem."

Il-Qorti ziedet inoltre:

Hemm punt iehor li jwassal ghall-konferma tas-sentenza tal-ewwel Qorti. L-ghaqda konvenuta tghid li gialadarba "parti" mit-talbiet tal-attur jinkwadraw ruhhom fuq kundizzjonijiet tal-impieg, allura l-gurisdizzjoni tispetta biss lit-Tribunal Industrijali. Din il-Qorti tara li jekk parti biss mit-talbiet tal-attur johorgu mill-kundizzjonijiet tal-impieg, allura s-sitwazzjoni hi bil-kontra ta' dak sottomess millghaqda konvenuta. Dawn il-qrati, kif inghad, ghandhom gurisdizzjoni generali li jisimghu u jiddeciedu fuq kull kwistjoni bejn partijiet. Jekk ghandha gurisdizzjoni tisma' aspetti ta' kaz, ghandha gurisdizzjoni tisma' u tiddeciedi fuq kull haga marbuta u relatata ma' dawk l-aspetti, u kwistjoni ma ghandhiex tinqasam billi parti tinstema' minn dawn il-qrati u parti minn tribunal iehor.

L-intimat zied illi l-artikolu rilevanti li jaqa' fl-ewwel Titolu ta' dan l-Att hu l-artikolu 5 li jghid fost affarijiet ohra illi fejn il-kundizzjonijiet ta' impjieg huma inkluzi f'collective agreement, huma dawn il-kundizzjonijiet hemm kontenuti li ghandhom jittiehdu bhala l-kondizzjonijiet ta' impieg.

F'dan il-kaz il-Qorti tqis illi l-artikolu 5 tal-Ewwel Titolu ma jaghti ebda gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali f'din il-vertenza izda hu biss artikolu li jiddefinixxi kundizzjonijiet ta' impjieg oltre dawk milhuqa direttament bejn principal u impjegat. Din il-vertenza fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas temana direttament mill-collective agreement izda hu 'agreement <u>to facilitate the implimentation</u> of the

collective agreement milhuq bejn l-Universita, l-MUT u l-house union tal-Universita.

L-intimat ma uriex a sodisfazzjon tal-Qorti illi f'dan il-kaz l-artikolu 5 tal-Ewwel Titolu jaghti bazi tal-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ai termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 75(1)(b).

L-intimat fin-nota tieghu jibbaza l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal fuq l-artikolu 75(2) u (3) pero kif intqal fis-sentenza precitata dak li japplika ghall-artikolu 75(1)(b) japplika bl-istess mod fl-artikolu 75(2) u anke (3) li hu biss l-modus operandi fil-prattika tal-artikolu 75(1)(b) peress illi d-dicitura uzata biex tigi stabbilita gurisdizzjoni esklussiva hi identika kemm fl-artikolu 75(1)(b) u 75(2).

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni mhix mfassla sew u qed tigi michuda.

**Nullita tal-kawza**

Il-konvenut qed jallega illi l-kawza hi nulla. Qed jingiebu zewg ragunijiet ghal dan. Fl-ewwel lok ghax il-Qorti qed tintalab tezercita diskrezzjoni fdata biss lil Kunsill tal-Universita skond artikolu 77(b) u 77(c) tal-Kap. 327. Semmai l-attrici messha ittantat timpunja l-att amministrattiv a bazi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

L-attrici fin-nota spjegattiva qed tissottometti illi l-azzjoni mhix impernjata fuq l-artikolu 469A cioe ghemil amministrattiv izda fuq l-artikolu 992 tal-Kap. 16 li jghid li l-kuntratti ghandhom l-effett ta' ligi bejn il-partijiet u jistghu jigu revokati biss bil-kunsens tal-partijiet jew fejn tippermetti l-ligi. Qari tal-premessi attrici juru li dak li qed tallega hu ksur tal-ftehim dirett bejn l-attrici u l-Universita skond ftehim ancillari ghal collective agreement.

L-ghazla tal-impostazzjoni tal-kawza tispetta lill-attrici u l-Qorti qed tigi msejha tiddeciedi l-vertenza a bazi ta' dak mitlub. Il-Qorti ma ghandhiex ghalhekk tissindika opzjonijiet legali ohra mhux mitluba. F'dan is-sens ghalhekk il-Qorti ma tistax takkolji l-eccezzjoni ta' nullita

ghax l-attrici ghogobha timposta l-kawza kif giet impostata milli fuq binarji ohra kif suggeriti mill-Universita. Ovvjament dan ma jfissirx li l-attrici impostat il-kawza fuq binarju gust li jista' jwassal ghas-success mitlub. Dan hu l-mertu tal-azzjoni li ghadu ma bediex f'dan l-istadju.

Ir-ragunijiet moghtija mill-konvenut fit-tieni eccezzjoni huma immerati ghall-insuccess tal-azzjoni minhabba kwistjonijiet li jolqtu l-mertu tat-talbiet kif maghmula iktar milli xi nullita kif trid il-ligi fl-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 li ma jsib ebda riskontru fir-ragunijiet moghtija mill-konvenut fit-tieni eccezzjoni tieghu ghalkemm jista' jkollhom effett fuq it-talbiet attrici aktar il-quddiem meta jigi trattat il-mertu.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-ewwel zewg ecezzjonijiet proceduralI tal-konvenut. Spejjez kontra l-konvenut

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------